Qorti tal-Appell Kriminali

Onor. Imħallef Consuelo Scerri Herrera, LL.D., Dip Matr., (Can)

**Appell Numru: 160 / 2019**

Il-Pulizija

vs

**Joseph Mifsud**

Illum, 27 ta' Frar, 2020.

Il-Qorti,

Rat l-akkuzi dedotti kontra l-appellant Joseph Mifsud, detentur tal-karta ta' l-identita' numru 955346 (M), akkuzat quddiem il-Qorti tal-Magistrati (Malta):

Talli nhar il-5 ta' Frar, 2018 ghal habta tas-sitta neqsin ghaxar minuti fi Triq Isouard, Marsa, saq il-vettura bin-numru tar-registrazzjoni FAZ 473;

1. U b' nuqqas ta' hsieb u bi traskuragni jew b' nuqqas ta' hila fl-arti jew professjoni jew b' nuqqas ta' tharis tar-regolamneti tat-traffiku, habat ma' vettura numru DCC 891 u nvolontarjament ikkaguna hsarat ghad-dannu ta' Charmaine Gatt;

2. U meta kien involut f' incident tat-traffiku ma vettura numru DCC 891 naqas li jieqaf, meta kien mehtieg naqas li jaghti l-partikolaritajiet tieghu u d-dettalji tal-vettura li kien qed isuq kif mitlub bil-ligi u jew naqas li jirraporta l-imsemmi incident lill-Pulizija jew Gwardjan Lokali.

Il-Qorti ntalbet sabiex f' kaz ta' htija tiskwalifika lill-imputat mill-licenzja kollha tieghu tas-sewqan.

Rat is-sentenza tal-Qorti tal-Magistrati (Malta) tal-27 ta' Mejju, 2018, fejn il-Qorti wara li rat l-Artikolu 328 (d) tal-Kodici Kriminali [Kap 9 tal-Ligijiet ta' Malta], rigward l-ewwel akkuza, u r-Reolament 67 (1) tal-L.S 65.11, rigward it-tieni akkuza, sabet lill imputat hati tal-ewwel akkuza filwaqt li illiberathu mit-tieni akkuza. Ghar-rigward tal-piena, din il-Qorti qieset ic-cirkostanzi kollha tal-kaz, u ddecidiet li tapplika l-Artikolu 22 tal-Att dwar il-Probation [Kap 446 tal-Ligijiet ta' Malta] u tillibera lill-istess imputat bla hsara ghall-kondizzjoni li ma jaghmel ebda reat iehor ghall-perjodu ta' gimgha mid-data ta' din is-sentenza.

Rat ir-rikors tal-appellanti Joseph Mifsud minnu pprezentat fid-11 ta' Gunju, 2018, fejn talab lil din il-Qorti sabiex fil-waqt li tikkonferma s-sentenza appellata in kwantu ma sabitux hati tat-tieni akkużа, tirrevokaha ghal bqija u konsegwentament tillibera lill-appellant mill-akkuzi kollha migjuba fil-konfront tieghu u teħilsu minn kull ħtija u piena.

Rat l-aggravji tal-appellanti u cioe':-

Illi l-aggravji mresqa mill-appellant huma ċari u manifesti u jikkonsistu fis-segwenti:

(1) In-Nullita` tas-sentenza in linea mall-Artiklu 382 tal-Kapitlu 9 tal-Liġijiet ta` Malta għaliex ir-rekwiżiti tal-imsemmi artiklu 382 ma` ġewx osservati, fis-sens li l-artiklu jesiġi li fis-sentenza tagħha l-Qorti għandha tosserva l-fatti li a bażi tagħhom l-akkużat ikun instab ħati. F'dan is-sens l-akkużat ma ingħatatlu l-ebda sentenza bil-miktub li fuqha seta` jappella imma biss kopja legali tal-verbal u l-komparixxi. La fil-verbal u l-anqas fil-komparixxi hawn annessi ma hemm ir-raġunijiet għaliex il-Qorti tal-Maġistrati sabet lill-imputat ħati. Il-Qorti tal-Maġistrati (Malta) ikkundannat lill-imputat għall-ebda bażi ta` fatt in partikolari;

(2) Illi umilment jigi sottomess li l-provi mressqa mill-Prosekuzzjoni kienu jaqghu ferm il-boghod mill-grad rikjest mill-ligi ghas-sejbien ta' htija u f'dan is-sens is-sentenza appellata hija '*unsafe u unsatisfactory.*' Fuq il-bażi tal-fatti quddiem l-ewwel Qorti, l-appellant kellu jiġi liberat minn kull akkuża għaliex huwa verament ma ħabatx fil-vettura tal-*parte civile* u ta` dan hemm martu xhud. Wieħed kien jistenna dak li pproponiet il-prosekuzzjoni u d-difiża u cioe` li jkun hemm konfront bejn ix-xhud Josephine Mifsud Saydon (mart l-akkużat) u l-*parte civile* u dan għas-sempliċi raġuni li f'kwistjoni daqshekk sempliċi hemm verżjoni tal-fatti mogħtija minnhom kompletament opposta.

Rat l-atti kollha tal-kawza.

Semghet it-trattazzjoni tal-partijiet.

Rat il-fedina penali aggornata tal-appellant ezebita mill-prosekuzjoni fuq ordni tal-Qorti.

Rat l-atti tal-kawza u semghet numru ta' xhieda quddiemha.

Ikkunsidrat,

**PC 1202 Ryan Magro** pprezenta affidavit fl-atti tal-kawza fejn stqarr li nhar il-5 ta' Frar, 2018 ghall-habta tas-7.30pm Charmaine Griscti marret l-ghassa tal-pulizija sabiex tirraporta hsarat li kienet garbet il-vettura taghha ta' l-ghamla Toyota Reg Numru DCC 891.
Charmaine kompliet tghid li dakinhar stess ghall-habta tal-5.30p.m harget barra mill-hanut fejn tahdem u rat vettura ta' l-ghamla Subaru reg numru FAZ 473 tolqot il-vettura taghha li kienet ipparkjata gewwa Isoaud street, Marsa. Meta Charmaine rat dan kollu isehh fil-presenza taghha avvicinat lix-xufier ta' din il-vettura u kif ukoll il-passigiera u meta qaltilhom x'kienu ghamlu dawn cahdu u qabdu u saqu minn fuq il-post. Charmaine stqaret ukoll li hi pparkjat il-vettura fl-imsemmija Triq fil-5 ta' Frar, 2018 ghall-habta tad-9.30 a.m. u ma kien fiha l-ebda hsara.

Il-pulizija mill-ghassa tal-Hamrun spezzjonaw il-vettura ta' Charmaine fil-presenza taghha u gie innutat hsara fuq il-bumper ta' wara tan-naha tal-passigier. Charmaine giet mitluba sabiex tipprovdi stima rigward l-istess hsarat.

Il-pulizija ghamlu tfittxija fuq is-sistema tal-pulizija (PIRS) sabiex jaraw li min tghajjat il-vettura Subaru Reg FAZ 473 u rrizulta li tghajjat lil Joseph Mifsud. Nhar is-7 ta' Frar, 2018 ghall-habta tad-9.00a.m Joseph Mifsud irraporta l-ghassa wara li kien ircieva *letter to Call* minghandhom u gie mitkellem dwar dan ir-rapport ta' *Hit and Run* fejn qabel ma ntalab jaghti l-versjoni tieghu Joseph inghata d-drittijiet tieghu. Gie mistoqsi fejn kien jinsab nhar il-5 ta' Frar, 2018 ghall-habta tal-5.30p.m u stqarr li kien gewwa Triq Isuard, Marsa bil-vettura tieghu tal-ghamla Subaru numru ta' Reg. FAZ 473 wieqaf fit-traffiku fejn meta beda miexi t-traffiku u kompla isuq innota li kien hemm kaxxa bajda vojta u ghalhekk Joseph beda jirriversja sabiex jipparkja f'dan il-*parking* fejn bdiet taralu ukoll l-mara tieghu Joyce sabiex jirnexilu jipparkja.

Joseph kompla jsitqqarr li ftit wara kelmitu l-mara tieghu Joyce u qaltlu li xi hadd kien laqghat il-vettura DCC 891, fejn hu ma kein laqghat l-ebda vettura u kien halla l-vettura tieghu fl-istess Triq jigifieri fi triq Isouard, Mrsa. Hu pero' ma kein raha qatt lil din il-mara li tkellmet ma martu.

Joseph kompla jistqarr li ftit wara kelmitu l-mara tieghu Joyce u qaltlu li xi hadd kien laqghat il-vettura DCC 891 fejn hu ma kien laqghat l-ebda vettura u li kien halla l-vettura tieghu fl-istes Triq Isourd, Marsa. Hu fl-ebda hin ma ra l-mara li tkelmet ma martu.

Il-Pulizija tal-ghassa tal-Hamrun spezzjonat il-vettura ta' Joseph Mifsud fil-presenza tieghu u ma gie nnutat l-ebda hsara jw marki jew xi zebgha fuqha.

Rat l-okkorrenza redatta minn PC 1202 Ryan Magro esebita fl-atti a fol. 5.

Illi skond is-sentenza moghtija mill-ewwel Qorti, xehdu Charmaine Gauci il-kwerelanti, PC 1202 Ryan Magro RPC 3106 Emanuel Buhagiar, l-imputat, Josephine Mifusd Saydon u Carmen Agius liema xhieda ma gietx transkritta. Jirrizulta li l-Magistrat sedenti ha xi notamenti tieghu sabiex iccita dak li allegatament qalu dawn ix-xhieda fis-sentenza taghha pero' din il-Qorti ta' revisjoni ma hiex f'posizjoni jekk ix-xhieda li gew citati fis-sentenza ta' l-ewwel Qorti qalux affarijiet ohra li kienu ta' importanza ghal din il-Qorti ta' revizjoni u ghalhekk ghall darb' ohra thambaq fuq dak gja espress minnha li x-xhieda mehuda mill-ewwel Qorti ghadnha tigi kollha transkritta u dan ghaliex din il-Qorti hija wahda ta' revisjoni. Fin-nuqqas ta' tali xhiea transkritta din il-Qorti ikollha terga' tisma mill-gdid ix-xhieda u hemm il-possibilita' jekk mhux probabilita' li ma jirrepetux dak li ikunu qalu fl-ewwel istanza u ghalhekk din il-Qorti f'dan il-kaz ma tkunx qeda tiddecidi il-kaz fuq l-istes fatti li kellha quddiemha l-ewwel Qorti izda fuq provi u xhieda gdida.

Lanqas ma jirrizulta xi verbal tal-Qorti fejn intqal meta xehdu ix-xhieda citati mill-Qorti.

Din il-Qorti rat li s-sentenza moghtija mill-ewwel Qorti kienet giet dikjarata nulla minnha b'sentenza li nghatat fl-istess ismijiet premessi nhar it-3 ta' Dicembru, 2019 u dan stante li l-artikolu 382 tal-kap 9 tal-ligijiet ta' Malta ma giex osservat.

Illi ghalhekk din il-Qorti semghet ix-xhieda imresqa mill-partijeit mill-gdid.

Illi nhar is-7 ta' Jannar 2020 xehdet **Charmaine Gauci** u qalet li tiftakar li kienet xoghol Isouard Street, Marsa u kellha l-vettura taghha ipparkjata barra u semghet storbju u hornijiet u harget tittawwal u rat li kienu laqtulha l-karozza. Qalet li kient wahdedha fil-forn fejn tahdem u rat il-vettura taghha mahbuta. Mistoqsija min laqtilha l-vettura tghid li kien l-akkzuat l-appellant odjern u tghid ratha mahbuta.

Qalet li Triq Isouard hija two-way jitilghu u jinzlu karozzi minnha u ikun hemm parking fuq iz-zewg nahat tat-triq. Dak in-nhar tghid li l-karozza taghha kienet ipparkjata thares 'l isfel u tghid li bejn il-karozza taghha u ta' quddiemha kien hemm 'gap' kbir izda biex tipparkja karozza sew ma tidholx.

Ma tafx kif mar b'lura u tghid ex admisses '*ma nafx kif laqghat il-karozza tieghi dahal b'lura ..ghamel u-turn.*'

Mistoqsija mill avukat '*Rajtu inti*?' u mistoqsija mill-Qorti '*Jigifieri l-imputat ipprova jirriversja f'parking*?' ix-xhud twiegeb '*gie jaghmel u turn gjo…*'

L-Avukat jerga' jistaqsiha '*Imma rajtu dan Sinjura inti? Rajtu jghamel l-U-turn*' u x-xhud twiegeb '*U zgur li rajtha u bdejt nghajjat ilqattuli l-karozza, ilqattuli l-karozza, imbaghad dahlu n-nies gol-forn fejn kont nahdem kont wahdi u kelli nidhol*'.

Mistoqsija mill-avukat '*u l-karozza x'kient il-karozza li dahlet fik*?'

Ix-xhud tghid '*Bajda..dak iz-zmien sentejn ilu bajda, kelli r-ritratti imam l-mobajl inkiser.'*
L-avukat jerga jistaqsi *'x'kienet il-karozza'* u x-xhud twiegeb '*Issa insejt x'kienet il-karozza'*.

*Tghid li l-appellant laqtitu diehel bejn wara tal-karozza taghha u l-quddiem ta' karozza ohra.*

Mistoqsi x kien qed jghamel l-appellant terga tghid *li kien qed ighamel U turn '*

Mistoqsija mill-Qorti x tip ta' U turn kien qed ighamel *tghid li 'sabitu gol karozza'*

Tghid ukoll I dak il-hin kien hem mkarozza tal-pulizija nizla f dik it-triq u ghajtitilhom izda hadd ma waqaf .
Ix xhud tikkonferma li l-appellant ipparkja l-vettura hem mu ratu nizel minnha mal-mara.

Qalet li filfatt saqu 'l hemm u pparkjaw aktar 'l isfel. Mistoqsija kemm damu ipparkjatai hemm fl-istess lok tghid li ma tafx. Bhala danni tghid li halset €180 skodn l-istima esebita fl-atti.

Tghid li meta bdiet tghajjat nizle mara u qaltilha li kienu laqtuha u din cahdet li fil-fatt kienu laqtuha.

Mistoqsija ghaliex ma cemplitx l-ghassa tghid li kelmet il-pulizija li kienu nizlin fl-istess triq u qalulha meta tghalaq kelha tmur tghamel rapport l-ghassa.

**PC 1202 Ryan Magro** xehed nhar it-30 ta' Jannar 2020 u kkonferma li kien tkellem mal-appellant l-ghassa tal-pulizija u dan kien qallu li kien ghaddej bil-vettura tieghu tal-

ghamla Subaru fi triq Isouard Marsa u sab parkegg vojt u mar biex jipparkja u fl-ebda hin ma kien laqghat xi vettura.

**RPC 3106 Emanuel Buhagiar** xehed nhar it-30 ta' Jannar 2020 u kkonferma li kien hu li spezjona il-vettura tal-appellant u dar maghha minn wara u minn quddiem u ma sab l-ebda girfa jew daqqa. Jghid li meta ezamina l-vettura kienet normali la nadifa u lanqas mahmuga.

**Carmen Agius** xehdet nhar it-23 ta' Frar 2020 u spejgat li tigi oht il-mara tal-appellant. Stqarret li dak in-nhar tal-5 ta' Frar 2018 hija keinet marret fl-ufficcju ta' Dr Ptricia Hall sabeix tagheml konvenju dwar biegh ta' garaxx u waslet hemm ghall-habta tas-6.00p.m Ftit tal- hin wara waslet ohtha ma zewgha l-appellant. Tghid li damu f'dan l-ufficcju ghal madwar siegha u nofs sakemm il-konvenju inkiteb u inqara. Ikkonfermat li l-ufficcju jinsab fi Triq Isouard Marsa.

**Josephine Mifsud** xehdet fl-istess jum u spjegat li tigi mart l-appellant. Ikkonfermat li dkainhar tal 5 ta' Frar 2018 hija kein trikba ma zewgha fil-karozza taghhom tal ghala Subaru sejrin l Marsa beix ighamlu konvenju fuq biegh ta' garaxx. Qalet li keint fil-karozza u mea waslu fi Triq ISouard Marsa nizlet mill-karozza u dan sabeix tara lil zegha likien qed jirriversja ghal go parkegg.

Tghid li f'daqqa u l-hin harget mara tghajjat li kienu laqtuha meta dan ma kienx minnu. Bdiet tghajjat u hadet in-numru taghhom tal-vettura u allegat li kien zewgha li kien laqatha. Tghid li dan ma jsitax ikun ghaliex hija kienet fit-triq tara l-movimenti ta' zewgha jiriversja. Meta fil-fatt dahal fil-parkegg huma marru jghamlu l-konvenut u hallew il kaorzza fl-istess post ghal madwar siegha u nofs. Fl-ebda hin ma kellimha xi pulizija li keinu ghaddejja fi triq pero' taf li hadu n-numru tal-vettura taghha. Tghid li meta din il-mara bdiet tghajjat li dahlu fiha r-ragel taghha kien ghadu diehel jersaq lura gol parkegg.

Ikkunsidrat.

Illi l-appellant qed jappella biss mill-ewwel akkuza u cioe' li kien qed isuq b'mod traskurat u negligenti u involontarjament dahal fil-vettura ta' Charmaine Grixti waqt li din kienet ipparkjata fi Triq Isouard Marsa u kkagunalha danni involontarji. Pero' stante li din il-Qorti annullat is-sentenza moghtija mill-ewwel Qorti nhar it-3 ta' Dicembru 2019 hija ghandha ukoll titratta mat-tieni akkzua u cioe' dik tal-hit & run.

Din il-Qorti hija rinfaccjata b'zewg verzjonijiet tal-fatti dik esposta mix-xhud tal-prosekuzzjoni Charmaine Grixti u dik esposta mix-xhieda tad-difiza ghalkemm hemm certu punti saljenti li l-partijiet it-tnejn jaqblu dwarhom.

1. Il-partijiet jaqblu li fi Triq Isouard,m Marsa kien hemm din il-mara li giet identifikata bhal Charmaine li bdiet tghajjar u tallega li l-appellant dahal go fiha.
2. Il-partijiet jaqblu li meta din il-mara indirizzat lil mara tal appellant din kient fit-triq.
3. Li fl-ebda hin ma l-pulizija li kienu ghaddejja minn din it-triq ma waqfu ikelmu lill-partijiet.
4. Li l-vettura tal-appellant baqghet f'dik it-triq ghal certu zmien u ma telaqx minn fuq il-post wara li kien ipparkja gewwa l-parkegg.

Il-Qorti ghalhekk trid taghmel apprezzament tal-atti u tax-xhieda ghandha taghti kaz l-imgieba taghhom waqt i-pedana tax-xhieda u jekk dak li qalu ghandhie xmis-sewwa.

Il-kwerelanti dehret konfuza u in konsistenti f'dak li qalet. Tghid li rat lill-appellant diehel go fiha, tghid li harget mill-hanut u rat il-vettura mahbuta u tghid ukoll li ratu qed jimmanuvra diehel fil-parkegg. Il-kwerelanti tghid li l-pulizja ma waqfux waqt li keinu ghaddejja fl-istess triq imbaghad tghid li qalulha biex tmur l-ghassa taghmel

rapport wara li taghlaq il-forn. Il-kwerelanti tghid harget ghaliex semghet l-ghajjat u storbju pero' minn provi prodotti ma xehed hadd dwar dan l-allegat istorbju. Tghid f'xi hin li l-appellant qabad u saq 'l hemm izda wara tghid li saq u pparkja aktar 'l isfel fl-istss triq. Jigi rilevat li l-kwerealtni kient nervusa hafna waqt ix-xhieda taghha u bla dubbju dehret skomda hafna taghti id-deposizjoni taghha minkejja li kellha kull interess li tikkomporta ruhha sew.

Min naha l-ohra xehdet Josephine Mifsud li dehret komposta u konsistenti f'dak li qalet. Spjegat li kienet rikba ma zewgha u meta waslu Triq Isouard, Msrsa nizlet mill-vettura biex tara lil zegha jidhol fil-parkegg li kien hemm. Tghid li minnufih harget mara tghajjat u tghid li kienu laqtuha. Dak il-hin tghid li zewgha kien ghadu qed jipprova jidhol fil-parkegg. Cahdet li qatt mess il-vettura ta' din il-mara.

Irrizulta li minkejja li l-kwerelanti tghid li kellha hsara li mhiex konfermata fl-ammont ta' €180 kif del resto jirrizulta mill-istima esebita li lanqas ma ghandhadata a fol. 20 fuq il-vettura tal-appelant ma kien xhemm l-ebda girfa barxa jew hsara. Ghalhekk dan il-fatt jikkonforta it-tezi ta' Mifusd li fl-ebda hin ma mess mal-vettura tal-kwerelanti.

Sabiex il-Qorti issib htija fuq l-apellant irid jigi pruvat li l-appellatn kein negligenti fis-sewqan tieghu. Il-kwerelanti meta xehdet ma tghidx li ratu isuq tghid li rat il-vettura mahbuta.

Illi mill-provi prodotti din il-Qorti ma hix tal-fehma li l-akkzua giet provata mill-prosekuzzjoni u dan ghaliex zgur li ma resqitx l-ahjar prova setghet resqet lill-pulizija li kienu ghaddejjin dak in-nhar sabiex jikkoloboraw dak li fil-fatt sehh. Setghet ukoll resqet prova sabeix tindika li l-hsara li kellha l-kwerelanti setghet giet kagunata bil-vettura tal-appelant jekk kieku stqarret per ezmepju li l-kulur taz-zebgha tal-appellanti instab fuq il-vettura taghha. Izda ma kien hem mxejn minn dan.

Illi dwar it-tieni akkuza u cioe' li l-appellant saq minn fuq il-post bla ma ta' id-dettalji tieghu dwar l-incident jinghad li din l-akkuza zgur li ma tirrizultax ghaliex anke l-kwerelanti stess tghid li l-appellant ipparkja fl-istess triq u ghalhekk fl-ebda hin ma saq 'l hemm salv ghal xi siegha u nofs wara l-allegat akkadut meta kien hin ghalih li jitlaq minn fuq il-post kif konfermat minn Josephine Mifsud u Carmen Agius.

Ghalhek fid-dawl tac-cirkostanzi u provi fuq imresqa din il-Qorti tiddikjara li ma ssibx lill-appellant hati tal-akkzuai kif addebnitati fil-knfront tieghu u tilliberah minn kull imputazzjoni u piena.

(ft) Consuelo Scerri Herrera
Imhallef
VERA KOPJA

Franklin Calleja
Deputat Registratur